**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **IL-ĦAMES KLASSI** | **MALTI** | **ĦIN: SAGĦTEJN** |
|---|---|---|

Isem: ______________________ Klassi: _________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| **Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **F** | **Oral** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marki** | 8 | 20 | 8 | 3 | 31 | 20 | 10 | 100 |
| **Marki ta' l-istudent/a** | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

**Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet:**

**NAGĦAĠ**

Smajtuha żgur il-ħrafa tan-nagħaġ ta' Bendu. In-nagħaġ kollha, għax għandhom moħħ ta' nagħaġ, imorru wara l-kibx (muntun) imur fejn imur, imqar jaqbżu warajh minn irdum għal isfel. Il-ħrafa hi karikatura tal-folla bla moħħ li tiġri wara mexxej li jaf jgħajjat, imqar ma jkun kapaċi għal xejn ħlief biex jgħajjat. Milli jidher l-istorja ma tgħoddx għal-lum biss, għax ħames mitt sena ilu Rabelais kiteb rakkont jixbah lil tagħna bin-nagħaġ jaqbżu l-baħar u jegħrqu. *(par. 1)*

L-istorja mimlija b'każi fejn eluf kbar u saħansitra miljuni ġrew lejn ir-rovina wara kibx imħeġġeġ, jekk mhux miġnun. Biżżejjed insemmu poplu sħiħ, kbir u qawwi, li tkeskes minn Hitler. *(par. 2)*

In-nagħaġ għadhom magħna. Narawhom f'*meeting* politiku. Il-kelliem iħambaq u jippriedka, x'aktarx b'leħen eżaltat, u l-folla tisma'. Kultant jgħolli leħnu nota jew tnejn, u l-folla tinfexx iċċapċap. Narawhom f'partita futbol, meta plejer jagħmel mossa provokanti, u eluf ta' partitarji erħilhom jitmasħnu, jekk ukoll ma jmorrux jaħbtu għall-avversarji. *(par. 3)*

Illum ix-xjenza wrietna bil-provi li ebda bniedem ma hu kopja eżatta ta' xi bniedem ieħor. "Kull bniedem hu uniku u irrepetibbli," qal il-Papa. Il-marki ta' subgħajja m'humiex il-marki ta' xi wieħed jew waħda minnkom. Lanqas ma huma ta' xi ħadd li għex qabli jew li għad irid jitwieled. U bħal truf subgħajja, moħħi u moħħkom huma uniċi. X'rigal, dan li tana Alla! U kemm ma nistmawhx kull meta nħallu lil ħaddieħor jiddeċiedi għalina. *(par. 4)*

Għeżież żgħażagħ, tkunux nagħaġ. Aħsbu b'moħħkom u imxu kif tgħidilkom il-kuxjenza. Taċċettawx b'għajnejn magħluqa kulma jgħidulkom. Tħallux il-moda tkaxkarkom. Emmnuni, jagħtini l-biki meta nara żgħażagħ fl-aħjar tagħhom jaħlu l-ħin, l-enerġija u l-flus biex, flok jistrieħu, imorru jqattgħu s-sigħat ta' bil-lejl f'sala mudlama u mimlija duħħan, jixorbu, jekk ma jiħdux id-droga, u jiżgijjaw bħas-slavaġ tal-ġungla. *(par. 5)*

Ma rridx nagħmel priedki. Għandkom moħħkom, u għandkom il-kuxjenza li bla heda tgħidilkom x'inhu t-tajjeb u x'inhu l-ħażin. Jekk tridu, tafu tagħżlu t-triq dritta, dejqa kemm hi dejqa, li twassalkom għall-ġid li jibqa' u jiġbed fuqkom ir-rispett ta' kull ċittadin onest. *(par. 6)*

(addattament minn *Nagħaġ* ta' Kilin, artiklu li deher fil-ħarġa ta' Mejju 2001 tas-*Sagħtar*)

## A. FEHIM IT-TEST (8 marki)

1. Liema hija l-ħrafa li tixbah ħafna lil dik tan-nagħaġ ta' Bendu?

_______________________________________________ (marka)

2. Xi jrid jgħid biha l-kittieb il-frażi *Il-ħrafa hi karikatura tal-folla bla moħħ li tiġri wara mexxej li jaf jgħajjat, …… ? (par. 1)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (marka)

3. Għal liema poplu qiegħed jirreferi l-kittieb fit-tieni paragrafu?

______________________________________________________________ (marka)

4. Fejn narawhom in-nagħaġ illum il-ġurnata? Trid issemmi żewġ ħwejjeġ.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (marka)

5. Il-kibx (muntun) huwa dak li jmexxi u jħeġġeġ lill-folla. Ma' min qiegħed iqabblu l-kittieb fit-tielet paragrafu?

______________________________________________________________________

_____________________________________________________________ (2 marki)

6. Kif għandna naġixxu fil-ħajja biex ma nkunux "nagħaġ"? Trid issemmi żewġ modi.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

_____________________________________________________________ (2 marki)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (20 marka)

### GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Sib u ikteb:

a. parteċipju passiv mit-tieni paragrafu: ______________________________ (marka)

b. verb dgħajjef moħfi fin-negattiv mit-tielet paragrafu: ____________________ (marka)

ċ. *Smajtuha (par.1)* hija l-ewwel kelma li nsibu fis-silta. X'funzjoni grammatikali għandha *smajtu* fil-kelma *smajtuha*?

Smajtu: ______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

d. nom fl-għadd imtenni mir-raba' paragrafu: ______________________ (marka)

e. verb irregolari mill-ħames paragrafu: ______________________ (marka)

f. nom fis-singular bil-pronom mehmuż tat-tieni persuna plural mill-ħames paragrafu:

______________________________________________ (marka)

ġ. verb fl-10 forma mill-ħames paragrafu: ______________________ (marka)

2. Wieġeb kif mitlub/a: (6 marki)

| | |
|---|---|
| a. il-plural ta' *jgħajjat (par. 1)* | a. |
| b. verb fl-imperattiv singular minn *rakkont (par.1)* | b. |
| ċ. is-singular, l-għadd imtenni u l-plural tal-plural minn *eluf (par. 2)* | ċ. is-singular: |
| | l-għadd imtenni: |
| | plural tal-plural: |
| d. il-mamma ta' *wrietna (par. 4)* | d. |
| e. nom minn *jiddeċiedi (par. 4)* | e. |
| f. aġġettiv minn *kuxjenza (par. 6)* | f. |

**LESSIKU / VOKABULARJU**

3. Ikteb sinonimi (kliem bl-istess tifsira) għall-kliem li ġej, dejjem skond is-sens tas-silta fejn jinsabu: (2 marki)

| | |
|---|---|
| a. *imqar ma jkun kapaċi għal xejn (par. 1)* | a. |
| b. *rovina (par. 2)* | b. |

**ANALIŻI TESTWALI**

4. *U kemm ma nistmawhx kull meta nħallu lil ħaddieħor jiddeċiedi għalina. (par. 4)*
Għal min qed jirreferi l-pronom mehmuż **<u>h</u>** f '*nistmaw**<u>h</u>**x* ?

______________________________________________ (marka)

5. *Smajtuha (par.1)* hija l-ewwel kelma li nsibu fis-silta. Għalxiex qiegħda tirreferi l-kelma *smajtuha*?

Smajtuha: ______________________________________________ (marka)

6. *Emmnu**ni** ... (par. 5)*. Għal min qiegħed jirreferi s-suffiss ***ni*** fil-kelma *emmnu**ni***?

______________________________________________ (marka)

**SINTASSI**

7. Ikteb mill-ġdid f'sentenza waħda l-ewwel tliet sentenzi tal-ħames paragrafu.
L-ewwel parti tas-sentenza tiegħek hija lesta.

Il-kittieb qalilna lilna ż-żgħażagħ biex ______________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________. (marka)

## Ċ. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Agħżel **waħda** minn a, b u ċ u ikteb bejn 80 u 100 kelma fuq karta separata.

a. Ikteb djalogu bejn tnejn min-nies li qegħdin jiddiskutu l-użu tat-trasport pubbliku minflok il-karozzi privati.

b. Ikteb ittra lill-Kap tat-Taqsima Programmi ta' stazzjon lokali fejn turi l-apprezzament tiegħek dwar programm partikolari li għoġbok, u għid għaliex. L-istazzjon lokali jismu *TeleMera Tagħkom* (*TMT* fil-qosor).

ċ. Stħajjel li inti studjuż/a tad-Dinosawri u waqt li kontu qegħdin tħaffru fil-limiti ta' Għajn Lanġasa ltqajtu ma' għadam ta' razza ġdida ta' dinosawru li ħadd ma kien jaf biha. Ikteb rapport għall-gazzetti lokali, fejn turi kif wasaltu għas-sejba u l-iżviluppi li saru mis-sejba 'l hawn.

## D. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (3 marki)

a. Fir-raba' paragrafu naraw kemm tassew għandna għalxiex nіżżu ħajr 'l Alla li aħna bnedmin, li kulħadd huwa uniku, kif ukoll niżżuh ħajr għal kull ma tana. Insibu bosta qwiel li jixhdu dan. Kompli l-qawl ta' hawn taħt li wkoll jitkellem fuq dan il-punt.

It-tiġieġa _________ _____ ____________ tiżżi ħajr 'l Alla. (2 marki)

b. Fl-istess paragrafu, u mis-silta kollha, huwa ċar il-ħsieb madankollu li Alla jgħinna biss jekk aħna jkollna r-rieda biex nagħmlu dak kollu possibbli biex nimxu 'l quddiem, dejjem b'mod onest u sew. Ikteb il-qawl li juri dan kollu.

_________________________________________________________________ (marka)

## E. LETTERATURA: *QAWSALLA* (31 marka)

**a. Aqra sew din is-silta mill-poeżija *F'Ħaġar Qim* ta' Ġorġ Pisani, imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħt:**

Qamar ta' Mejju, tgħid 'il ħadd il-lejla
Għala ġejt waħdi f'dan l-imkien ħemdieni;
Irrid f'dal-maqdes għal ftit ngħix ta' Malta
Mal-ġens ewlieni.

Mur, qamar twajjeb, mur, ħallini waħdi,
Ninsa lid-dinja, lill-bnedmin, ġrajjieti,
Irrid nintilef fil-jiem sbieħ li taru
Bi ħsibijieti.

Iskot, hawn huma, qed joqorbu, dieħla,
It-tfajliet somor, qalb l-għajat u l-għana,
Kemm kemm mistura, u bla ħżiem xuxithom,
Miexja daħkana.

Waqfu; mill-midbaħ tielgħa daħna kbira,
Tferrxet mal-maqdes qatgħa sħab sewdiena,
It-tfajliet waqgħu wiċċhom fl-art jixehru,
Jittallbu l-ħniena.

Tbexxqet purtiera; minn ġod-dħaħen ħarġu
Tnejn lebsin l-aħmar b'ħafna deh'b fuq rashom,
Tlellix ta' ġmiemen, rand u liedna friska
Tħaddar ma' ngħashom.

Refgħu dirgħajhom, b'leħen qawwi għajtu:
"Żgħażagħ, itolbu hawn, isahru magħna,
Lill-allat sebbħu, għall-ħelsien u r-rebħa
Ta' Malta tagħna."

1. X'għamla ta' poeżija hija *F'Ħaġar Qim*?

_______________________________________________ (marka)

2. F'din is-silta nsibu taħdem il-qawwa deskrittiva mimlija immaġinazzjoni tal-poeta Ġorġ Pisani. Ikkummenta.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

3. Fisser **tlieta** minn dawn il-ħamsa skond kif il-poeta qiegħed jużahom fis-silta:

| | |
|---|---|
| a. *imkien ħemdieni* (vers 2) | a. |
| b. *ħżiem* (vers 11) | b. |
| ċ. *midbaħ* (vers 13) | ċ. |
| d. *isahru magħna* (vers 22) | d. |
| e. *sebbħu* (vers 23) | e. |

(3 marki)

4. X'tip ta'vers u rima juża l-poeta f'din is-silta?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

5. X'inhi l-figura tad-diskors prinċipali li jinqeda biha l-poeta fis-silta?

_______________________________________________ (marka)

6. Il-poeżija fiha b'kollox għaxar strofi. Hawnhekk insibu l-ewwel sitta. X'jiġri eżatt wara li jitkellmu t-*tnejn libsin l-aħmar*?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

7. Taħseb li *F'Ħaġar Qim* għandha post xieraq fit-Tema *Ġrajja u Identità*? Għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (3 marki)

**b. Il-Komponiment Letterarju.**

Wieġeb mistoqsija ***waħda*** minn dawn it-tlieta. Ikteb madwar 200 kelma fuq karta separata.

(16-il marka)

i. Għid kif il-poeżiji u s-siltiet ta' proża fit-taqsima *Tifkiriet* juru dak li għaddew minnu l-kittieba.

ii. Mis-siltiet ta' proża li nsibu fit-Taqsima *Ġrajja u Identità* nintebħu minn xiex għadda l-poplu Malti tul iż-żminijiet. Uri kemm dan huwa minnu.

iii. Il-ħajja hija magħmula kemm minn ferħ kif ukoll minn dwejjaq. Agħti l-fehma tiegħek billi tagħmel referenza għal xi xogħlijiet fit-taqsima *Karattri*.

## F. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **wieħed**, u ikteb madwar **350 kelma** fuq karta separata.

1. Il-ħsieb jifni u jtemm il-bniedem.
2. L-imħabba teżisti, jew hija biss ħolma? Ikkummenta.
3. Il-qari u l-kompjuter. Għejun ta' edukazzjoni.
4. Ħbula.
5. Ma kienx lejl. Xi ħadd kien qed jgħoddli l-passi tiegħi.
6. Il-bniedem kif jarah annimal ieħor.